MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2001

Numru. 193/2000
Kawza Numru. 37

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Shaun Pete Azzopardi ta' 21 sena bin Peter Paul u Doreen nee` Cassar li joqghod Nru 19, Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 408995 M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli nhar fid-9 t'April 2000 ghall-habta tas-7:10p.m. fl-inhawi Ta' Bordin limiti tax-Xewkija, Ghawdex (1) garr arma tan-nar senter numru U 24346E ta' l-ghamla Beretta 390 bil-hsieb li jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur (badan) (tajra tal-priza u protetta) meta ma kellux licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija, (2) aktar talli kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar b'aktar minn zewg skratac

fil-magazine, (3) aktar talli kkaccja u spara arma tan-nar il-Hadd wara nofsinhar.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tas-senter U 24346E ta' l-ghamla Beretta 390 kif ukoll disgha u tletin (39) skratac tal-marka 'Winchester'.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza limitatament ghall-fatt li l-imputat garr arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ma ssibux hati ta' l-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom;

Rat l-artikolu 3 tal-Kap 66;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sittin lira Maltin (Lm60) u tordna l-konfiska tas-senter esebit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------